Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 7/2025

21 ta' Lulju, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużat:
Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**7.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**7.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

7.1.1 Is-Sindku qal ref punt 6.1.2 (attivita' BMX) kienet saret. Huwa qal li kienet idea tajba li tiġi organizzata attivita' apposta għal tfal kbar u milli jidher filgħaxija kienu nġabru numru sabiħ ta' tfal.

7.1.2 Is-Sindku qal ref punt 6.1.5 (tazzi reusable) kien ser jagħti aktar dettalji waqt il-komunikazzjoni.

7.1.3 Is-Sindku qal ref punt 6.1.6 (fergħa sserraħ fuq wires tad-dawl) il-bozza issa nbidlet u suppost ma hemmx aktar problemi.

7.1.4 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi issue rigward ref punt 6.2.1 (rotot ġodda tal-linja) li kienu diskussi waqt l-aħħar laqgħa. Hawn is-Sindu reġa' spjega kif kienu ser jgħaddu ż-żewġ rotot.

7.1.5 Is-Sindku rrefera għal ref punt 6.5 (Festa) u staqsa jekk kienx fadal xi ħaġa oħra li l-Kunsill kellu jieħu ħsieb għal żmien il-festa.

7.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 6.6 (unloading bay fi Triq Triq Dun Karm Lia) il-Kunsill kien għadu qed jistenna li ssir minn *Transport Malta*.

**7.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.2.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju, 2025 flimkien mal-Kunsillier Kurt Debono kienu ltaqgħu mal-Manager tar-Reġjun Punent.

Is-Sindku spjega li waqt din il-laqgħa kienu ddiskutew tlett punti.

1. **It-tazzi tal-festa reusable**

   Is-Sindku spjega li din l-inizjattiva ser tkun proġett pilota u l-ħlas għaliha kien ser isir mit-€3,000 li r-Reġjun jagħti biex jinġabar l-iskart b'mod riċiklat fi żmien il-festa. Is-Sindku spjega li l-Manager tar-Reġjun kien bagħat xi kwotazzjonijiet.

2. **Major Clean Up**

   Is-Sindku qal li għal din l-inizjattiva kien hemm allokati €3,000 u din is-sena kien hemm il-ħsieb kien li jingieb makkinarju sabiex f'ċertu toroq rurali jitneħħa ħaxix li mhuwiex tajjeb għall-pollination. Imbagħad jinżergħu xi arbuxelli li huma pollinators.

3. **Ħin tal-ġbir tal-iskart**

   Is-Sindku spjega li ftit ilu l-kunsillieri kienu rċivew email biex issir evalwazzjoni x'ħin kienu jaħsbu li huwa addattat biex jinġabar l-iskart b'mod individwali. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa l-Kunsill issa kellu jieħu pożizzjoni x'ħin l-ideal li jinġabar l-iskart u jinforma lir-Reġjun b'din id-deċiżjoni. Il-Kunsill iddiskuta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi u kien hemm qbil unanimu li l-ġbir tal-iskart għandu jibqa' jinġabar l-ewwel ħaġa filgħodu.

7.2.2 Is-Sindku fakkar li nhar il-Ġimgħa 8 ta' Awwissu, 2025 l-AKL kienu ser jorganizzaw Bar-b-que u li min xtaq jattendi kellu jirreġistra.

7.2.3 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju, 2025 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda Konferenza Stampa rigward Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali. Is-Sindku għarraf li taħt din l-iskema l-Kunsill kien ser jibbenefika s-somma ta' €20,000.

7.2.4 Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda l-ewwel laqgħa mal-Perit Luke Azzopardi minħabba d-disinn għall-Embellishement ta' Ġnien Dun Karm

Vella. Huwa fakkar lill-Kunsillieri li l-pass li jmiss kienet konsultazzjoni mar-residenti li għandha ssir nhar it-Tnejn 11 ta' Awwissu, 2025 fis-6:00pm.

7.2.5 Is-Sindku qal li l-ewwel arranġament sabiex insibu post ideali b'ċertu similaritajiet ma' Ħal Safi għal Town Twinning kienu saru. Is-Sindku ta' d-dettalji tal-post lill-Kunsillieri. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nistgħu nagħtu l-approvazzjoni tagħna sabiex nibdew bil-proċess għall-applikazzjoni.

7.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsil kien irċieva stedina mingħand is-Sur Tino Celisi sabiex nieħdu sehem f'Town Twinning fi Sqallija taħt l-proġett *Think Green – Be Green for a Healthier Environement.* Huwa spjega li dan il-proġett kien ser isir bejn is-7 ta' Ottubru u t-12 ta' Ottubru, 2025 u talab lill-Kunsillieri min kien interessat li jattendi.

7.2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva email mingħand LSA mill-iskola San Benedittu Primarja ta' Ħal Safi fejn uriet ix-xewqa li l-Kunsill jipprovdi post addattat sabiex tkun tista' tagħti lezzjonijiet tal-qari lil dawk it-tfal li mhux ilaħħqu mal-bqija tal-klassi fi żmien is-Sajf. Is-Sindku qal li dawn il-lezzjonijiet ser jingħataw bla ħlas lil kull min jattendi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna noffrulha l-użu tas-sala bla ħlas.

7.2.8 Is-Sindku spjega li kien irċieva proposta mingħand min kien ramalna l-dwal tal-Milied sabiex nagħmlu fustun fir-roundabout tal-Karwija għal prezz ta' €170. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsir dan il-fustun.

7.2.9 Is-Sindku qal li kien irċieva lment li kien hemm persuna fi Triq San Ġwann u, peress li ma kienx hemm bankina, qegħdin jipparkjaw il-karozza eżatt mal-bieb tal-propjeta' privata tiegħu bil-konsegwenza li ma jkunx jista' jidħol. Il-Kunsill iddiskusta u qabel li nagħmlu kaxxa zgħira 'keep clear' quddiem il-bieb tal-propjeta' tiegħu.

7.2.10 Is-Sindku qal li f'Misraħ il-Knisja kien hemm aċċident għaliex karozza niżlet kontra l-one way li għandna quddiem iż-żebbuġa. Is-Sindku qal li jista' jkun mhix ċar minn fejn

tibda l-One Way. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li minħabba li l-proġett tal-pjazza qiegħed viċin li jibda, ma tagħmilx sens li nbiddlu xi ħaġa għalissa.

## 7.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.3.1 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li milli jidher ħafna nies qatgħu qalbhom japplikaw biex jinżlu Kemmuna għaliex in-numru li nkitbu fejn snin preċidenti kien ftit wisq. Il-Kunsilliera qalet li minħabba f'hekk il-ħarġa ser tiġi kkanċellata u minflok l-ideal norganizzaw xi ħaġa differenti.

7.3.2 Il-kunsilliera Claire Zammit qalet li kienet irċeviet ilment li kif jispiċċa Sir Alexander Ball kien hemm sqaq mimli bużbież tant li n-nies kienu qed isibuha diffiċli biex jgħaddu. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsilliera għandha tivverifika eżatt liema sqaq hu sabiex inkunu nafu jekk huwiex sqaq privat.

7.3.3 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li kienet ġabet l-irċevuti kollha tal-play sabiex nibdew bil-proċess biex nieħdu l-fondi lura mir-Reġjun Punent.

7.3.4 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-maqrut fi Triq il-Karwija konna għadna ma żrajniex l-arbuxelli li kienu nqalgħu.

7.3.5 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li Ġnien Dun Karm Vella kien wisq maħmuġ u kellu bżonn jinħasel. Il-Kunsill qabel.

7.3.6 Il-Kunsillier Kurt Debono ssuġerixxa li l-bozoz li hemm fi Triq San Pawl jinqalgħu u minflok jitwaħħlu fanali biex jikkumplimentaw mal-kumplament tal-fanali li għandna fil-UCA. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ewwel irridu naraw kemm għandna minn dawn il-bozoz fil-UCA u naraw x'inhi l-ispiża, għaliex idealment ma nibdlux waħda biss imma kollha.

7.3.7 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li l-proġett ta' *New Water* f'Tal-Ħlantun kienu qed joħolqu problemi kbar għal bdiewa u min jgħaddi minn dawn l-inħawi. Is-Sindku qal li huwa kien tkellem mal-Inginier li kien infurmah li l-kuntrattur kien ser ikollu jqaxxar aktar fil-fond għaliex meta għamlu l-*pressure testing* ma kienx għaddha. Il-Kunsill kompla jiddiskuta l-problemi u fehmu l-inkonvinjent li kienu qed jiffaċċjaw il-bdiewa u minn jgħaddi minn dawn it-toroq.

7.3.8 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li l-kuntrattur li kien qed jaħdem fl-għassa kien ħalla xi terrapien sabiex naraw x'jista' jsir.

7.3.9 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fil-kantuniera bejn Triq San Pawl u Santa Marija, kuntrattur minn naħa tal-*Water Services Corporation* kienu kissru l-pavimentar u minflok kienu taw konkos.

7.3.10 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla staqsiet meta kellu jinbidel it-turf tal-grawnd tal-futbol. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien ħareġ it-Tender fuq l-EPPS.

**7.4 Mozzjoni: Studju dwar il-Kapacita' ta' Tolleranza ta' l-Iżvilupp - 'Carrying Capacity**

Il-Kunsillier Kurt Debono għadda kopja tal-mozzjoni lill-Kunsillieri kollha u qara l-mozzjoni. Huwa spjega li l-proposta kienet qed titressaq lil kull Kunsill sabiex jiġu ndirizzati l-problemi ambjentali, infrastratturali, soċjali kif ukoll fejn jidhol l-isports, Kultura u Wirt Storiku u tradizzjonijiet. Il-Kunsillier Kurt Debono qal li ħafna mill-problemi ser inkunu qed immissu magħhom fil-futur qarib u li ġid mill-istudju ser joħroġ żgur.

Is-Sindku qal li ħafna minn dawn l-aspetti u studji relatati magħom jaqgħu dirett taħt il-Gvern Ċentrali u hija r-responsabilita' ta' ċertu entitajiet governattivi li jagħmluhom u mhux tal-Kunsill Lokali. Huwa żid li konvint li uħud minn dawn l-istudji diġa' qegħdin isiru u, apparti minn hekk, ir-Reġjun Punent diġa' wettaq studju 'Social Impact

Assessment' li se jiġi ppubblikat dalwaqt. Huwa spjega li għalkemm kien jaqbel mal-istudju, xtaq iressaq emenda għal din il-mozzjoni.

Is-Sindku qara l-emenda tal-mozzjoni. Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus issekondah. Il-mozzjoni emendata għaddiet għal vot. Il-mozzjoni emendata għaddiet bi 3 voti favur u 2 kontra:

Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Claire Zammit ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillier Kurt Debono u l-Kunsiliera Joanna Abdilla ivvutaw kontra.

### 7.4 Xiri Van Kunsill

Is-Sindku qal li l-ħaddiem li kien juża l-vann għal xogħol tal-Kunsill kien biegħu u issa l-Kunsill spiċċa m'għandux vann biex inkunu nistgħu nieħdu l-ħaxix Ħal Far u minħabba xogħolijiet oħra madwar ir-raħal. Huwa ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jixtri vann apposta għax-xogħol tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niġbru kwotazzjonijiet sabiex nixtru vann *second hand*.

### 7.5 Ħatra Bord Kuntratt Perit

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ħareġ it-tender għal ħatra tal-Perit għal Kunsill u issa kien jinħtieġ li jinħatar il-bord għall-evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill kollu jifforma parti mill-bord tal-għażla.

### 7.6 Kuntratt Bulky Refuse u Talba għal Kwotazzjoni għal Bulky Refuse għal 3 xhur

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur tal-ġbir tal-Bulky kien għarraf lill-Kunsill li mill-1 ta' Awwissu 2025 ma kienx ser jibqa' jiġbor il-bulky fir-raħal ta' Ħal Safi. Hija qalet li l-Kunsill diġa' kien ħareġ it-tender fuq l-epps biex ikollna kuntrattur ġdid, pero' fil-frattemp kienet talbet kwotazzjoni sabiex il-ġbir tal-iskart goff ma jiġix sospiż sakemm jiġi *awarded* it-tender. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-kwotazzjoni ta' €3.80

Excl Vat kull ġabra (per household call). Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-kwotazzjoni.

**7.6 Kuntratt Installazzjoni Panelli Solari**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien iffirma kuntratt li ser ikun responsabbli biex ntellgħu t-tender għall-installazzjoni tal-panelli solari fuq l-epps. Hija qalet li diġa' kienet irċeviet l-tender document mingħand l-inġineer u li ser tkun qed ttellgħu online kemm jista' jkun malajr.

**7.7 Festa Familja 2025**

Is-Sindku qal li sabiex norganizzaw Festa Familja din is-sena diġa' kellna allokat €20,000 li ħadna mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali, madwar €4,000 minn naħa tar-Reġjun Punent u €2,000 mill-*Malta Tourism Authority*. Is-Sindku qal issa li beda riesaq iż-żmien kien jinħtieġ li nibdew naħdmu fuq din l-inizjattiva. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għall-Organiser għal din l-attivita ta' €2,000. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li naċċettaw din il-kwotazzjoni u li nistgħu ngħarrfuh sabiex jista' jibda bil-preparamenti.

**7.8 Festa 2025**

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill kien indirizza kull ma kien jinħtieġ għal żmien il-festa. Huwa staqsa jekk kienx hemm min irid iżid xi ħaġa oħra pero' ma kienx hemm aktar talbiet.

**7.9 Korrispondenza**

Ma kienx hemm talbiet għal diskussjoni ta' xi korrispondenza.

**7.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**7.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-8:09pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 18 ta' Awwissu, 2025, fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |